# GĦID IŻ-ŻEBBUĠ F'ĠERUSALEM

Bħal m'hu miktub fl-Evanġelji, sidna Ġesù Kristu, il-Ħadd fil-għodu ta' qabel mewtu, telaq mill-belt ta' Ġeriko u tala' Ġerusalem ma' għadd kbir ta' Galilin. Minn Ġeriko sa Ġerusalem hemm bgħid għoxrin mil; jekk telqu fis-sitta u mxew erbat imjiel fis-siegħa, waslu qrib Ġerusalem qishom għal xi l-ħdax.

Qabel ma wasal Ġerusalem Ġesù waqaf naqra u bagħat tnejn mill-ixirka tielibin; inqatgħet mill-ġdid fi żmien it-Torok, imma ħamsa u għoxrin sena ilu (fl-1933) il-Franġiskani reġgħu bdewha, u nittamaw li issa ma tinqatax.

* * *

Din it-tifkira tkun għamla ta' purċissjoni, jew bil-Malti, ġilwa. Tibda minn fejn kien ir-raħal ta' Betfaġ, fejn il-Franġiskani għandhom knisja żgħira u ġnien kbir fuq l-imkien sewwa fejn Ġesù rikeb il-moħor. Daż-żmien ma tgħad



**Il-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, minn Betfage għal Ġerusalem.**

għu jġibulu ħmar. Rikeb fuqu, u l-Galilin għamlulu bħal għors, u daħħluh Ġerusalem bil-briju, jaqbżu u jiġru madwaru u jgħajtu għajjat ta' ferħ.

F'kull żmien li l-Insara kellhom ftit jew wisq il-wesgħa f'Ġerusalem, din id-daħla kienet kull sena tkun imfakkra. Hemm kitba sabiħa ta' waħda mara tajba jisimha Eterja, ta' kif kienet issir din id-daħla saħansitra għal ħabta tas-sena w.K.390.

Fi żmien il-Għarab din it-tifkira nqatgħet, imma reġgħet bdiet fi żmien is-Sadix mill-wetgħa taż-Żejtun ta' Ġerusalem, kif għadda Ġesù dik id-darba (għax inkella jkollhom jinżlu min-niżla wieqfa-wieqfa, kollha ħotob u taħfir), imma minn triq oħra, ftit itwal u aħjar. Tiġi wara l-Ġetsemni, tinżel fil-wied ta' Ġosafat, tgħaddi minn quddiem il-Qabar tal-Madonna, titla' għal-bieb ta' Ġerusalem li jgħidulu Bab Sitti Mirjam, u ftit 'l hemm mill-bieb, tidħol fi knisja kbira u qadima, jgħidulha s-Salaħija, li jagħmlu minnha r-Rħieb il-Bojod tal-Kardinal Levigerie, u tieqaf hemm.

Billi kif inhu miktub ukoll fl-Evanġelju fid-daħla ta' Ġesù l-aktar li għajtu u għamlu briju kienu s-subien Għebranin (kif għadu wkoll imfakkar fil-għana bil-Latin tal-Knisja: "Pueri Hebraeorum, portantes ramos olivarum, clamantes et dicentes: Hosanna Filio David!) il-Franġiskani għal din il-ġilwa aħħar jiġi l-Patrijarka ta' Ġerusalem, bil- kbarat ma' dwaru, kif jixraq u kif imur. Kotra minn dawn ta' l-aħar ikollhom il-palma f'idejhom, jew xi fergħa taż-żejtun.

Biex jaraw dil-ġilwa sabiħa jmorru għadd kbir ta' nies, Insara u Misilmin, u joqogħdu fuq il-ħitan tal-għelieqi, fuq



Il-bqija tal-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, minn Betfage għal Ġerusalem.

jġibu lis-subien Insara qishom kollha ta' Ġerusalem; fiha jimxu l-ewwel il-Boy Scouts, il-Kavalieri ż-Żgħar tal-Qabar ta' Kristu (lebsin mant abjad b' salib aħmar, kbir, fuq ix-xellug ta' sidirhom) u warajhom it-tfal tal-iskejjel — Franġiskani, Freres, Salesjani u dan. Imbagħad Raħbiet ta' kemm-il xorta, u Rhieb u qassisin issemmix kemm. Fl-iż-żewġ naħat tat-triq, bħal ma jagħmlu hawn Malta, biex jaraw it-tiġrija ta' nhar l-Imnarja. Dari kienu jmorru wkoll Lhud m'hux bi ftit, imma issa ma jħalluhomx jidħlu dik in-naħa. U hekk isir Għid iż-Żebbuġ f'Ġerusalem.

FRA ĠAKKIN

## QWIEL TAL-PALESTINA

Sadiq li biddek tabqih, la taħod minnu, u la tatih. Ifisser: *Ħabib li trid tibqa' ħabib miegħu (żmien twil), la tieħu xejn minn għandu, anqas tatih xejn.* Għax inkella l-ħbeberija ssir interess, u fl-aħħar ikollkom xi tgħidu.

Sadiq li ma jsorr, mitel għadu li ma jdorr. *Ħabib li ma jferrħekx, bħal għadu li ma jgħallikx.* Mela, bih u mingħajru xorta waħda.

Darba is-sadiq żbib, u ħaġrâtu rummân. Ifisser: *Id-daqqiet tal-ħabib (istħajjilhom ħelwin) bħaż-żbib, u l-ġebel (li jitfagħlek) tajbin daqs ir-rummien.* Għax li jagħmel ikun jagħmlu għall-ġid tiegħek.